MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tal-15 ta' April, 2013

Talba Numru. 280/2012

**Simon MUSCAT [ID. No. 154674M]**

**Vs**

**Helena KOUSTAS [ID. Nru. 422575M] u b'digriet tat-18 ta' Jannar 2013 il-kunjom KOUSTAR ghandu jigi mibdul bil-kunjom KOUSTAS kull fejn huwa mehtieg**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-3 ta' April, 2012** u li permezz taghha talab il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' elf u disgha u sittin euro u sitta u ghoxrin centezmi ta' euro [€1069.26c] u dan wara li ppremetta hekk:

"1. Illi l-partijiet kienu f'xi żmien miżżewġa lil xulxin iżda huma sseparaw minn xulxin u konsegwentement iz-zwieg ta' bejniethom gie dikjarat null;

2. Illi l-partijiet kienu bieghu proprjetà li kienet tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

3. Illi l-Kummissarju tat-Taxxi Nterni kien hareg kont kontra l-partijiet ghaliex fil-fehma tieghu l-valur indikat kien wiehed baxx;

4. Illi l-attur kien hallas sehmu minn tali kont iżda l-konvenuta baqghet ma hallsitx sehma u lanqas ikkontestat il-kont tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni;

5. Illi fi Frar 2012, il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni ha passi kontra l-attur ghas-somma dovuta mill-konvenuta u hareg mandat ta' sekwestru kontra l-attur;

6. Illi sabiex jehles mill-pretenzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni, l-attur kellu jhallas is-somma ta' €1,069.26c;

7. Illi minkejja li ġiet interpellata thallas tali somma lill-attur permezz ta' ittra uffiċjali tat-22 ta' Frar, 2012 (Dok. SMX), l-konvenuta opponiet tali talba (Dok. SMX1);

GHALDAQSTANT l-attur umilment jitlob li l-konvenuta tiġi kkundannata thallas lilu s-somma ta' €1069.26c minn dan l-Onorabbli Tribunal flimkien ma' l-ispejjez inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-22 ta' Frar, 2012 u tal-mandati ta' sekwestru u qbid ppreżentati, kif ukoll l-imghax skond il-ligi".

Ra **r-risposta tal-intimata** minnha mressqa fit-2 ta' Mejju, 2012 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jiġu michuda minn dan it-Tribunal kif ser jiġi spjegat fit-trattazzjoni tal-kaz;

2. Illi f'kwalunkwe kaz l-esponenti m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri".

Ra l-verbal datat 22 ta’ Frar, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha’ x-xhieda u t-trattazzjoni;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din il-kawza, ir-rikorrenti qieghed jitlob minghand l-intimata l-hlas tas-somma ta’ elf mija disgha u sittin euro u sitta u ghoxrin ċenteżmi ta’ euro [€1,069.26c] u dan:

i. in kwantu ghas-somma ta’ tmien mija u hmistax-il euro u tmienja u ghoxrin ċenteżmi ta’ euro [€815.28c] bhala sehemha minn taxxa mhallsa minnu lid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni; u

ii. in kwantu ghar-rimanenti mitejn tlieta u hamsin euro u tmienja u disghin ċenteżmi ta’ euro [€253.98c] bhala spejjez ghall-mandati ta’ sekwestru u qbid li nhargu kontrih mid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni, ghall-kontro-mandat li kellhu jinhareg fuq l-istess u ghall-ittra uffiċjali ppreżentata mir-rikorrenti kontra l-intimata a tenur ta’ l-artikolu 166A tal-Kap. 12 fit-22 ta’ Frar, 2012.

L-intimata da parti taghha tghid li t-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tiġi michuda mit-Tribunal. F’kull kaz, hija ma ghandhiex tbaghti l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.

iii. Mix-xhieda u dokumentazzjoni prodotta f’dawn il-proceduri rrizulta s-segwenti:

i. Fis-seduta ta’ l-4 ta’ Ottubru, 2012 **xehed Alexander Frendo**, *Assistant Principal* fil-*Capital Transfer Duty Department* fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxi Nterni. Beda biex qal li l-kontendenti f’din it-talba kienu xtraw

propjeta'[1] u wara li kien intbaghat il-Perit tal-Gvern biex jistma hu l-istess propjeta' rrizulta illi kien hemm differenza fil-prezz. Ghalhekk, jkompli jghid dan ix-xhud, id-Dipartiment minnu rappreżentat hareg *assessment* b'ammont li kellu jithallas mill-kontendenti.

Ix-xhud qal ukoll li r-rikorrenti kien oggezzjona ghal dan il-kont u fil-fatt id-Dipartiment minnu rapprezentat kien irrivedieh. B'hekk l-ammont li kellhom jaghtu il-kontendenti kien ta' sebgha mitt lira Maltin (Lm700). Stqarr li dan l-ammont illum il-gurnata huwa mhallas u li kien thallas kollhu mir-rikorrenti u fil-fatt, l-ircevuti hargu fuqu. Kompla jghid li l-ewwel pagament sar fit-18 ta' Jannar, 2007 filwaqt li t-tieni pagament sar fis-16 ta' Frar, 2012. Ix-xhud esebixxa zewg screen shoots ta' dawn il-pagamenti li gew immarkati bhala SM1 (fol. 21) u SM2 (fol. 22) rispettivament.

Ix-xhud qal ukoll li d-dipartiment minnu rapprezentat ha proceduri gudizzjarji kontra r-rikorrenti biss. Wara li harget din l-ittra ufficjali r-rikorrenti gie u hallas sehem l-intimata lid-dipartiment u dan peress illi sehmu kien hallsu qabel ma nharget l-ittra ufficjali u bdew il-proceduri gudizzjarji. Kien biss sehem l-intimata, jkompli jghid ix-xhud, li kien jonqos, liema sehem thallas mir-rikorrenti. Qal ukoll li d-Dipartiment tat-Taxxi Nterni kien talab il-hrug ta' mandat ta' sekwestru fil-konfront tar-rikorrenti u wara li kien hareg dan il-mandat, huwa kien hallas l-ammont li kien ghad fadal dovut.

B'kollox ighid dan ix-xhud, ir-rikorrenti hallas is-segwenti somom:

a) is-somma ta' tmien mija u hmistax il-ewro u tmienja u ghoxrin centezmi (€815.28) ghal darbtejn; u

[1] Skond dokument immarkat bhala dok. SM 1 a fol. 36 tal-process jirrizulta li l-kontendenti kienu xtraw u akkwistaw flimkien u in solidum bejniethom permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion datat 8 ta' Mejju, 1999 il-fond maghruf bl-isem ta' "Claire", Triq Matteolo Saliba, kantuniera ma Triq Salvu Psaila ġewwa z-Zurrieq flimkien maz-zewg garaxxijiet annessi maghha minghand Joseph u Marianna konjugi Zammit.

b) mija u sebgha u sebghin ewro u hdax il-centezmu (€177.11) bhala spejjez ghall-hrug tal-mandat u kontro mandat relattivi.

ii. Fis-seduta tat-18 ta' Jannar, 2013 **xehed ir-rikorrenti**. Beda biex qal li l-fond bl-isem ta' "Claire" fi Triq Matteolo Saliba kantuniera ma' Triq Salvu Psaila gewwa z-Zurrieq flimkien maz-zewg garaxxijiet annessi ma l-istess proprjetà kienu nxtraw minnu u mill-intimata qabel ma huma żżewwġu fit-8 ta' Mejju, 1999. Kull wiehed u wahda minnhom kellhu sehem indaqs minn din il-propjeta'.

Ir-rikorrenti qal ukoll li hu u l-intimata zzewwgu fl-20 ta' Awwissu, 2000 filwaqt li fit-23 ta' Dicembru, 2005 huma ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Malcolm Mangion.

Zied ighid li l-Kummissarju tat-Taxxi Nterni kien baghtilna kont fejn informahom li huma kellhom jhallsu izjed taxxa fuq l-akkwist tal-proprjeta' hawn fuq imsemmija.

Ir-rikorrenti da parti tieghu stqarr li huwa hallas nofs dan il-kont u cioe' sehemu. Wara li sar dan il-hlas, ighid ir-rikorrenti l-Kummissarju tat-Taxxi Nterni qaleb il-kumplament tal-kont fuq l-intimata. Kompla jghid li kien sahansitra tahom l-indirizz ta' fejn toqghod l-intimata u cioe "Corfu", Triq il-Hlantun, Hal Safi. Zied ighid li l-Avukat tieghu kien baghat ittra ufficjali lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni fejn infurmah li s-somma ta' €815.28c kellha tithallas mill-intimata u li ghalhekk huwa kellhu jiġbor din is-somma minghandha (dok. SM 3 a fol. 51). Minkejja dan, jkompli jghid ir-rikorrenti, l-Kummissarju tat-Taxxi Nterni fittex lilu ghal bilanċ dovut mill-kontendenti u kien inhareg mandat ta' sekwestru u inqabdulu l-flus. Kien ghalhekk, ighid l-istess intimat, li huwa kellu jmur ihallas it-taxxa dovuta minn martu l-intimata nkluz l-ispejjez tas-sekwestru.

Ir-rikorrenti jistqarr li sal-lum, l-intimata qatt ma hallsitu ta' sehma u cioe' l-ammont li huwa hallas u żied ighid ukoll li

qabel ma huma ghamlu l-kuntratt ta' separazzjoni huma diġà kienu rcevew ittra minghand il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni li fiha kien hemm l-ammont li ahna kellna nhallsuh bhala taxxa addizzjonali fuq il-propjeta' li kellna gewwa z-Zurrieq.

In kontro-ezami, r-rikorrenti qal li l-kont kien issejjah lilu u li kien qieghed jaqbel ma dak suggerit lilu mid-difensur tal-intimata illi skont il-kuntratt ta' separazzjoni kulhadd kellu jerfa d-dejn tieghu.

iii. Fis-seduta tat-22 ta' Frar, 2013 **xehdet l-intimata Helena Koustas**. Hija qalet li hi u r-rikorrenti kienu miżżewġin u sussegwentement infirdu permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Malcolm Mangion datat 23 ta' Dicembru, 2005.

Kompliet tghid li l-hlas li qieghed jitlob ir-rikorrenti minghandha huwa ghal-taxxa dovuta fuq l-akkwist tad-dar matrimonjali li kienet inxtrat fit-tmienja (8) ta' Mejju, ninteen ninety-nine (1999). Tistqarr li l-ewwel darba li hi semghet bil-kont mahrug mid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni meta rceviet it-talba odjerna. Hi tghid li hi ma tikkomunikax mar-rikorrenti bl-ebda mod u li l-unika darba li kellha kuntatt mar-rikorrenti kien meta kellhom l-annullament tal-Knisja.

L-intimata tghid li tiftakar illi kien mar il-Perit tal-Gvern id-dar u li sahansitra kienu rcevew kont li ma kienux qablu mieghu. Stqarret ukoll li kienet saret *objection* mill-awditur tar-rikorrenti Arthur Turner. Dan kollu sar waqt iz-zwieg u wara li saret din l-*objection* hija tghid li ma semghet xejn, kif lanqas ma qallha, tghid l-intimata, r-rikorrenti.

Wara li saret il-firda tal-partijiet, l-intimata tghid li hija baqghet tghix fid-dar matrimonjali ghal madwar tlett snin. F'dan it-tlett snin, l-intimata tghid li hi qatt ma rceviet xejn minghand id-Dipartiment tat-Taxxi Nterni kif lanqas ma recbiet xejn fl-indirizz fejn tirrisjdei fil-prezent. L-unika haga li rceviet tghid l-intimata kienet din il-kawza odjerna. L-intimata tistqarr li hija kienet irceviet ittra ufficjali

minghand ir-rikorrenti fl-indirizz ta' Hal Safi. Fl-indirizz fejn intbaghtet l-ittra ufficjali jghixu l-ġenituri taghha.

L-intimata tghid ukoll illi kieku hi kienet taf b'din it-talba tad-Dipartiment tat-Taxxi Nterni, hija kienet toggezzjona jew inkella thallasha. Hija qalet li ma tafx x'ircevew il-partijiet fl-indirizz tad-dar matrimonjali taghhom wara li hi ma baqghetx tirrisjedi hemmhekk u li l-unika haga li kienet irceviet in konnessjoni mat-talba tad-Dipartiment tat-Taxxi Nterni kienet l-ittra ufficjali li kien baghtilha r-rikorrenti u t-talba odjerna.

Tghid li hi giet rinfaccata bi stat ta' fatt komplut u qatt ma setat tikkontestaha. Tistqarr ukoll li hi ma taqbilx mal-fatt illi r-rikorrenti hallas sehemha minn din il-multa l-ghaliex hi riedet toggezzjona ghal din it-talba tad-Dipartiment kif kienet ghamlet l-ewwel darba.

In kontro-ezami, l-intimata tghid li jekk mhux sejra zball, hija baqghet fid-dar matrimonjali sas-sena 2008. Wara marret toqghod fl-indirizz "Hellas", Triq Dun Neriko Mahoney, Qrendi fejn ghadha toqghod sal-lum.

Murija l-ittra li hemm esebita a fol 27 tal-process u li ggib id-data tas-17 t'April, 2007 u li hija ndirizzata lilha fl-indirizz 78, Agape, Triq Matteolo Saliba, Zurrieq l-intimata tghid li hija din l-ittra qatt ma rcevietha. Fl-indirizz taz-Zurrieq, tkompli tghid l-intimata, kienet toqghod hi biss u dan mid-data ta' meta nfirdet mill-elfejn u hamsa (2005) sas-sena elfejn u tmienja (2008) meta telqet biex tmur toqghod il-Qrendi. L-intimata finalment tghid li dan il-post taz-Zurrieq hija kienet bieghetu ghal habta tas-sena 2008, pero baqghet tghix fih sakemm lestiet il-post tal-Qrendi.

Ikkunsidra;

2. L-intimata fix-xhieda taghha tghid li hija baqghet tirrisjedi fid-dar matrimonjali sa' l-ahhar tas-sena 2008. L-indirizz tad-dar matrimonjali huwa l-istess wiehed riportat fl-ittri li hemm esebiti fil-process a fol. 26 u 27 tal-process. Dawn iz-zewg ittri jġibu d-data ta' 15 ta' Novembru, 2006 u 17 ta' April, 2007 rispettivament. It-Tribunal qajla jista

jifhem kif l-intimata tghid li hija ma rċevietx dawn l-ittri meta dawn kienu mibghuta fl-indirizz korrett. Ma jirriżultax li dawn l-ittri kienu reġistrati u ghalhekk b'posta normali, wiehed jassumi li l-pustier jimposta l-ittri mill-*letterbox* u l-intimata, tirritorna fi x'hin tirritorna lura d-dar kienet isibhom hemm.

3. F'kull kaz, minn qari ta' l-atti processwali ghandu jirrizulta s-segwenti:

i. Il-kontendenti kienu xtraw u akkwistaw flimkien u in solidum bejniethom permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion datat 8 ta' Mejju, 1999 il-fond maghruf bl-isem ta' "Claire", Triq Matteolo Saliba, kantuniera ma Triq Salvu Psaila ġewwa z-Zurrieq flimkien maz-zewg garaxxijiet annessi maghha minghand Joseph u Marianna konjugi Zammit. (ara dok. SM 1 a fol. 36 tal-process).

ii. Fit-30 ta' Settembru, 1999 ir-rikorrenti kien irċieva notifika ta' likwidazzjoni fl-ammont ta' Lm1,995 mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni (fol. 24). Skond ma xehdet l-intimata, r-rikorrenti kien inkariga lill-awditur Arthur Turner sabiex jikkontesta din il-likwidazzjoni u f'Mejju, 2000 reggha intbaghat notifika ta' likwidazzjoni iehor fl-ammont ta' Lm700 (fol. 25) li huwa l-ammont li eventwalment thallas mir-rikorrenti.

iii. Din il-likwidazzjoni sehhet qabel iz-zwieg tal-partijiet li żżewġu fl-20 ta' Awwissu, 2000;

iv. Fit-23 ta' Dicembru, 2005 il-partijiet kienu ffirmaw kuntratt ta' firda konsenswali fl-atti tan-Nutar Malcolm Mangion;

v. Il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni baghat żewġ ittri datati 15 ta' Novembru, 2006 (fol. 26) u 17 ta' April, 2007 (fol. 27). Fl-ewwel ittra, li kienet indirizzata liz-zewg partijiet, il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni talab il-hlas ta' Lm700 (pari ghal €1630.56c). Fit-tieni ittri, li kienet indirizzata biss lill-intimata, il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni talab il-hlas ta' Lm350 (pari ghal €815.28c).

vi. Ir-rikorrenti hallas l-ammont shih ta' €1,630.56c f'zewg pagamenti. L-ewwel wiehed ghamlu fit-18 ta' Jannar, 2007 (fol. 21) filwaqt li t-tieni wiehed ghamlu fis-16 ta' Frar, 2012 (fol. 22).

vii. Skond ma xehed Alexander Frendo, *Assistant Principal* fil-*Capital Transfer Duty Department* fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxi Nterni fis-seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012 ir-rikorrenti hallas is-somma ta' mija u sebgha u sebghin ewro u hdax il-centezmu (€177.11) bhala spejjez ghall-hrug tal-mandat u kontro mandat relattivi.

4. Jirrizulta ghalhekk li qabel ma żżewġu l-partijiet huma kellhom ihallsu s-somma ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700) pari ghal elf sitt mija u tletin euro u sitta u hamsin ċenteżmi ta' euro (€1,630.56c) lid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni fuq il-proprjeta li huma kienu akkwistaw ġewwa z-Zurrieq. Fil-kuntratt ta' separazzjoni taghhom tat-23 ta' Dicembru, 2005 ma jinghad xejn dwar dan id-dejn. Ghalhekk huwa gust u ekwu li kull parti thallas nofs dan l-ammont peress li d-dar kienet inxtrat bejniethom it-tnejn fi kwoti ndaqs qabel iz-zwieg.

5. Jirrizulta wkoll li r-rikorrenti kien hallas sehemhu minn dan l-ammont u kull ma kien ghad fadal jithallas kien sehem l-intimata, liema sehem baqa ma thallasx minnha. Kien biss wara li nhargu l-mandati kontra r-rikorrenti mid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni li huwa mar ihallas sehem l-intimata lid-Dipartiment. Kieku l-intimata qabdet u hallset dan l-ammont mal-ewwel, liema ammont kien ilu likwidat minn Mejju, 2000 (fol. 25) allura r-rikorrenti ma kienx jinkorri fi spejjez ulterjuri. Ghalhekk, l-intimata ghandha taghmel tajjeb ghal dawn l-ispejjez ulterjuri u li r-rikorrenti inkorrihom inutilment.

6. Kien ikun idejali kieku r-rikorrenti ppreżenta rendikont dettaljat ta' l-ispejjez li huwa qieghed ighid li inkorra fihom minhabba l-inadempjenza ta' l-intimata, iżda t-Tribunal huwa sodisfatt li l-ammont ta' mitejn tlieta u hamsin euro u tmienja u disghin ċenteżmi ta' euro

[€253.98c] huwa ġustifikat. Ibda biex r-rapprezentant tad-Dipartiment tat-Taxxi Nterni jghid li r-rikorrenti hallas is-somma ta' mija u sebgha u sebghin ewro u hdax il-centezmu (€177.11) bhala spejjez ghall-hrug tal-mandat u kontro mandat relattivi[2]. Oltre dawn l-ispejjez, hemm ukoll l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali li r-rikorrenti pprezenta kontra l-intimata skond l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (fol. 3). Finalment, dan l-ammont ta' spejjez qatt ma gie kkontestat mill-intimata u ghalhekk, kif diga nghad, it-tribunal sejjer jaccettah fl-intier.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li jichad ir-risposta ta' l-intimata, jilqa t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimata sabiex thallsu s-somma ta' elf u disgha u sittin euro u sitta u ghoxrin centezmi ta' euro [€1,069.26c] bl-imghax jibda jiddekorri fuq din is-somma mit-22 ta' Frar, 2012[3].

L-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jithallsu fl-intier mill-intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] Ara xhieda ta' Alexander Frendo *Assistant Principal* fil-*Capital Transfer Duty Department* fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxi Nterni fis-seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012;

[3] Data ta' l-ittra uffiċjali numru 415/12 fl-ismijiet Simon Muscat vs Helena Koustas maghmula a tenur ta' l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;